Ħaż-Żabbar
Città Hompesch

**Minuti tat-394 laqgħa tal-Kunsill li saret nhar l-Erbgħa, 11 ta' Jannar, 2012**

Il-laqgħa bdiet fis-6.20 ta' filgħaxija b'talba. Is-Sindku, is-Sur Domenic Agius, ippresieda l-laqgħa.

Item 1 – Attendenza u Apoloġiji

Preżenti kienu s-Sindku s-Sur Domenic Agius, il-Viċi-Sindku s-Sur John J Pace u l-Kunsillieri s-Sur Joseph Buttigieg, is-Sur Mark Grech, is-Sur Joseph Bonnici u s-Sinjura Calleja

Is-Sur Robert Buhagiar daħal għal-laqgħa fis-6.30 ta' filgħaxija.

Is-Sur Keith Pisani u s-Sur Kevin Plumpton kienu skużati

Item 2 – Approvazzjoni tal-Minuti

Fuq proposta tas-Sur Bonnici li ġiet issekondata mis-Sur Buttigieg, il-Kunsill approva unanimament il-minuti tat-393 laqgħa kif emendati.

Item 3 – Mistoqsijiet u Affarijiet mill-Minuti

Dwar ir-*reserved parking* li hemm fil-viċinanzi tal-Każin tal-Partit Nazzjonalista fi Triq is-Santwarju, il-Viċi Sindku talab li din ma titneħħiex qabel ma ssir ir-*reserved parking bay* li kienet tneħħiet u ma reġgħetx saret meta t-triq ingħatat it-tarmak.

Il-Viċi Sindku tkellem dwar ilment li kien sar minn resident dwar linji sofor fil-kantuniera ta' Sqaq Sidtna tal-Mirakli. Il-Viċi Sindku qal li dawn il-linji kienu itwal minn 5 metri peress illi ma kienx hemm biżżejjed spazju li ssir *parking bay*.

Is-Sur Grech staqsa jekk il-fatt li Transport Malta fir-risposta tagħhom għat-talba tal-Kunsill biex Triq Patri Taddew Schembri issir *One Way* għamlu kundizzjoni li m'għandux ikun hemm implikazzjonijiet negattivi fuq is-settur kummerċjali, ifissirx li l-Kunsill irid jikkonsulta mas-sidien tan-negozju qabel jimplimenta t-tibdil propost.

Is-Segretarju rrimarka li din il-kundizzjoni qed issir f'ħafna mill-approvazzjonijiet li tagħti Transport Malta.

Is-Sur Grech staqsa meta kienu ser jitwaħħlu t-tabelli tar-*reserved parking* ta' ħdejn l-iskejjel.

Is-Sindku qal li dawn kienu ser isiru fi żmien qasir mill-Koperattiva tat-Tabelli u s-Sinjali tat-Traffiku.

Is-Sur Grech informa lill-Kunsill li kienet ġiet finalizzata l-applikazzjoni formali biex issir *road hump* fi Triq Bajada.

Is-Sur Bonnici tkellem dwar it-talba li kienet saritlu biex jiġu rranġati aħjar il-*parking bays* li hemm fi Triq il-Kunċiżżjoni. Is-Segretarju ntalab jivverifika dwar il-qisien ta' dawn il-*parking bays* li kienu saru ftit tas-snin ilu mill-Koperattiva tat-Tabelli u Sinjali tat-Traffiku.

Is-Sur Bonnici staqsa jekk kienetx inkitbet l-ittra lil Transport Malta sabiex l-*parking bays* li hemm fi Triq il-Fikus isiru fuq in-naħa l-oħra tat-triq. Is-Segretarju infurmah li din l-ittra kienet ser tinbgħat fil-jiem li ġejjin.

Is-Sur Bonnici saħaq dwar il-ħtieġa li l-Kunsill jikteb uffiċjalment fil-ġurnali dwar is-serq ta' ċagħaq minn madwar il-Mina ta' Hompesch biex titqajjem kuxjenza dwar dawn l-atti u tip ta' vandaliżmu ieħor li qed isir fil-lokalita`.

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kien kellem personalment lill-Kapillan biex jistaqsi jekk hux lest iqassam l-ikel tal-Unjoni Ewropeja u l-Kappillan infurmah li m'għandux il-ħsieb li jqassam dan l-ikel.

Is-Sur Grech qal li kien ser jipprova jfittex xi organizzazzjoni jew għaqda ta' voluntieri li lesti jqassmu dan l-ikel huma.

Fis-7.00 ta' filgħaxija s-Sur Mark Grech talab li jkun skużat.

Is-Sur Buttigieg staqsa jekk kienetx saret talba formali biex jinbidel il-bus shelter ta' ħdejn l-għajn taż-żwiemel fi Triq Wied il-Għajn. Is-Segretarju wieġeb fil-pożittiv.

Is-Sur Buttigieg talab li tiġi rranġata l-filata ġebel li hemm maqlugħa fi Triq il-Fraxxnu kif ukoll li jinżebgħu mill-ġdid iż-*zebra crossings* li hemm fi Triq is-Santwarju u Misraħ is-Sliem. Is-Sindku nforma l-Kunsill li dan ix-xogħol kien ser isir fil-ġranet li ġejjin peress illi l-ħaddiema kienu qed jagħmlu xogħol ieħor ta' manutenzjoni.

<u>Item 4 – Minuti tas-Sotto Kumitati</u>

Ma kienx hemm minuti tas-Sotto Kumitati.

Item 5 – Korrispondenza

Is-Segretarju nforma lill-Kunsill li kienet tlestiet l-applikazzjoni formali għas-servizz ġdid tal-elettriku fil-*playing field* tal-Qasam tad-Djar u din kienet ser tiġi sottomessa lill-Korporazzjoni Enemalta fi żmien qasir.

Is-Sur Buhagiar informa lill-Kunsill li nhar it-Tlieta, 31 ta' Jannar, 2012 fis-7.00 ta' filgħaxija kienet ser issir il-preżentazzjoni tal-fondi għall-proġett tal-Kunsill Lokali Żgħażagħ għas-sena 2011.

Is-Sur Pace informa lill-Kunsill bir-*roster* annwali tal-Kunsillieri għall-programm Kunsill Lokali *Live* fuq Radju Hompesch.

Is-Sur Bonnici rrefera għall-programm Kunsill Lokali *Live* u qal li mhux aċċettabli li Kunsillier imur fuq Radju Hompesch u fi programm imħallas mill-Kunsill stess jitkellem mingħajr raġuni u bla bażi kontra l-Kunsill. Is-Sur Bonnici ssuġġerixxa li l-programm jieqaf għal ftit taż-żmien. Is-Sur Pace ma qabilx mal-proposta tas-Sur Bonniċi u qal li l-aġir ta' xi Kunsillieri m'għandux iwassal biex jinqata l-kuntatt bejn il-Kunsill u r-residenti.

Is-Sur Buttigieg qal li ċerta kritika lejn il-Kunsill għandha ssir mal-Kunsill u mhux fuq il-programm tal-Kunsill li l-għan tiegħu hu li l-Kunsill ikun wieħed informattiv u mezz ta' komunikazzjoni għar-residenti.

Inqrat ittra mibgħuta mis-Sur Rennie Zerafa fejn informa lill-Kunsill li minħabba raġuni personali kien qed jirrifjuta l-Onorifiċenza ta' Ġieħ Ħaż-Żabbar. Is-Sur Zerafa rringrazzja u awgura kull suċċess lill-Kunsill għal din l-okkażjoni.

Fuq proposta tas-Sur Pace li ġiet issekondata mis-Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li Ġieħ Ħaż-Żabbar jingħata lill-Kaptan Charles Borg għas-sehem tiegħu fil-qasam tal-avjazzjoni.

Inqrat ittra mingħand Sister Redenta Giacona fejn informat lill-Kunsill li minħabba raġunijiet personali ma setgħetx taċċetta din l-Onorifiċenza ta' Jum Ħaż-Żabbar.

Fuq proposta tal-Viċi Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li ċ-Ċertifikat ta' Ħajr jingħata lill-GIBS għax-xogħol tagħhom ma` persuni bi bżonnijiet speċjali.

Is-Sinjura Calleja talbet sabiex fl-okkażjoni ta' Jum Ħaż-Żabbar jiġu mistiedna id-Direttur tac-*China Cultural* kif ukoll is-Sinjura Troisi s-segretarja tad-Direttur.

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq quddiem il-Kunsill kwotazzjoni mibgħuta mingħand *Leon Promotions* għall-organizzazjoni tal-Karnival ta' din is-sena għall-ħlas ta' €1,050. Fuq proposta tas-Sur Pace li ġiet issekondata mis-Sinjura Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li tiġi aċċettata din l-offerta.

Inqrat ittra mibgħuta mis-Sur Derek Mifsud li talab sabiex iwaħħal tabelli ta' devjazzjoni għall-ħanut ġdid tiegħu fi Triq A Caligari. Is-Segretarju nforma lill-Kunsill li din it-talba trid issir permezz ta' applikazjoni formali lill-MEPA.

Inqrat ittra mibgħuta mill-*Monitoring Unit* tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar il-każ ta' offerent li naqas milli jiffirma in-*non collusive certificate* fid-dokument tal-offerti għas-servizz ta' tindif ta' toroq mhux urbani . Id-Dipartiment informa lill-Kunsill li ma jsib l-ebda oġġezzjoni li l-Kunsill jimxi mal-parir li ngħata mid-Dipartiment tal-Kuntratti. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li r-risposta tad-Dipartiment ma kienetx ċara u għalhekk il-Kunsill għandu jitlob iktar informazzjoni mid-Direttur tad-Dipartiment u jekk hemm bżonn jieħu wkoll parir legali.

Is-Segretarju talab l-approvazzjoni sabiex ikun jista' jagħmel użu mis-siġill uffiċjali għaċ-ċertifikati ta' Ġieħ Ħaż-Żabbar u ċ-Ċertifikati ta' Ħajr. Fuq proposta tas-Sur Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sur Buhagiar, il-Kunsill qabel unanimament li jingħata dan il-permess.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-Kappillan tal-Parroċċa f'isem il-Kunsill Pastorali Parrokjali fejn talab li issir laqgħa flimkien mar-rappreżentanti mill-Kunsill Lokali bil-għan li jkomplu jiġġeddu l-valuri fost ir-residenti Żabbarin. Is-Sindku ppropona li l-Viċi Sindku u s-Sur Grech jirrapreżentaw lill-Kunsill f'dawn il-laqgħat. Is-Sur Buttigieg issekonda lis-Sindku u l-Kunsill qabel unanimament.

Inqrat ittra mibgħuta mis-Sur Achille Mizzi fejn fiha rringrazzja lill-Kunsill għall-Onorifiċenza Ġieħ Ħaż-Żabbar li kienet ingħatat lilu fis-sena 2001. Is-Sur Mizzi inħatar mill-Istat ta' Malta bħala Membru tal-Ordni tal-Mertu. Il-Kunsill qabel li tintbgħat ittra fejn il-Kunsill jibgħat jifraħ lis-Sur Mizzi għal dan il-mertu u jirringrazzjah tal-apprezzament tiegħu.

Inqrat ittra mibgħuta mis-Sinjura Clare Cini, Social Worker fiċ-Ċentru ta' Ħal-Far fi ħdan l-Aġenzija Sapport li tifforma parti mill-Fondazzjoni għal Servizzi ta' Ħarsien Soċjali. Is-Sinjura Cini talbet sabiex tiltaqa' mal-Kunsill biex jiġi diskuss is-servizz li toffri l-aġenzija SAPPORT. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li flimkien mal-Viċi Sindku u mas-Sur Pisani kienu ser jiltaqu` mas-Sinjura Cini.

Inqrat ittra mibgħuta mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali fejn il-Kunsill ġie nfurmat li b'konsultazzjoni ma' Transport Malta, il-Ministeru tal-Edukazzjoni kien qed jipproponi li jkun hemm tabelli ta' *no entry signs* fit-toroq kollha li jwasslu mmedjatament għall-iskejjel kollha f'Malta u Għawdex. Is-Sindku qal li fit-toroq li jwasslu għall-iskejjel ta' Ħaż-Żabbar diġa hemm dawn it-tabelli ta' *No Entry*.

Inqrat Memo 123/2011 mibgħuta mid-Direttur għal-Gvern Lokali dwar projbizzjoni ta' tipjip fi *playgrounds* u ġonna pubbliċi.

Inqrat Memo mibgħuta mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar skema ta' finanzjament għal restawr ta' postijiet storiċi żgħar. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li ssir applikazzjoni biex il-Kunsill jirranġa l-għajn tal-bhejjem li hemm fi Triq Wied il-Għajn.

Inqrat Memo 65/2011 mibgħuta mid-Dipartiment għal-Gvern Lokali rigward l-iskema dwar inizjattivi ta' attivitajiet. Il-Kunsill ġie nfurmat li kien ser jingħata €5, 000 biex f'Mejju li ġej itella' l-attivita' kulturali Lejla fil-Belt Hompesch-A Festival of Arts, History & Culture. Fuq proposta tas-Sur Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sinjura Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li biex tittella' din l-attivita' il-Kunsill jalloka €5,000 għal din l-attivita' flimkien mal-€5,000 li ser jingħataw mill-Gvern taħt din l-iskema.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mis-Segretarju Parlamentari għall-Konsumatur, Kompetizzjoni Ġusta, Kunsilli Lokali u Konsultazzjoni Pubblika dwar in-nominazzjonijiet għall-Premju Nazzjonali Ħaddiem tas-Sena 2012. L-applikazzjonijiet jagħlqu fit-2 ta' Marzu, 2012.

Inqraw il-minuti tal-21 laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv St Peter's. Dawn ġew approvati unanimament fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mil-Viċi Sindku.

**Xogħol tal-Kunsill**

**Approvazzjoni ta' Finanzi**

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill is-*schedule of payments* għall-perjodu ta' bejn it-22 ta' Diċembru, 2011 u l-11 ta' Jannar, 2012 li kien jammonta għal €8,285.26. Dan ġie approvat unanimament fuq proposta tas-Sur Bonnici li ġiet issekondata mis-Sur Buttigieg.

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq ukoll quddiem il-Kunsill il-*petty cash expenditure* għax-xahar ta' Diċembru, 2011 li kien jammonta għal €116.27. Dan ukoll ġie approvat unanimament fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Bonnici.

**Approvazzjoni ta' l-Abbozz tal-Estimi Annwali**

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq quddiem il-Kunsill l-Abbozz tal-Estimi Annwali għas-sena finanzjarja Jannar – Diċembru 2012. L-abbozz ġie approvat unanimament mill-Kunsill fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sinjura Calleja.

Fuq proposta tas-Sindku li giet issekondata mis-Sur Bonnici, il-Kunsill qabel li mill-*Urban Improvement Fund* il-Kunsill jiffinanzja l-progett ta' rikrejazzjoni ta' Buleben iż-Żgħir.

Fuq proposta tas-Sinjura Calleja li giet issekondata mill-Viċi Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li mill-vot ta' Tiswijiet u Manutenzjoni l-ewwel xogħol li għandu jsir hu *patching* estensiv tal-parti ta' isfel ta' quddiem il-ħwienet.

Fuq proposta tal-Vici Sindku li ġiet issekondata mis-Sinjura Calleja, il-Kunsill qabel unanimament ukoll li mill-vot ta' Tiswijiet u Manutenzjoni tiġi mibdula l-bankina ta' Triq il-Kbira minn ħdejn is-*Social Club*.

Fuq proposta tas-Sur Bonnici li ġiet issekondata mis-Sindku l-Kunsill qabel unanimament li mill-vot ta' Tiswijiet u Manutenzjoni tiġi irranġata parti mill-bankina li hemm fi Triq il-Fraxxnu u Triq il-Luq.

Fuq proposta tas-Sindku li giet issekondata mis-Sur Bonnici, il-Kunsill qabel unanimament li mill-vot ta' Tiswijiet u Manutenzjoni tiġi rranġata l-bankina fi Triq tal-Plier u Triq il-Vittorja.

Fuq proposta tas-Sur Buttigieg li giet issekondata mis-Sur Bonnici, mill-vot ta' Tiswijiet u Manutenzjoni, il-Kunsill qabel unanimament li jsir *patching* estensiv mir-residenza numru 13 u 15 fi Triq il-Karmnu sal-kantuniera ma` Triq is-Santwarju.

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li matul din is-sena mill-vot ta' Tiswija u Manutenzjoni kienet ġiet irranġata l-bankina quddiem persuna bi bżonnijiet speċjali fi Triq il-Vittorja peress illi r-residenta ma setgħetx toħroġ mid-dar bil-*wheelchair* minħabba li l-bankina kienet għolja.

Is-Sur Buhagiar informa lill-Kunsill li bl-assistenza tal-Pulizija nhar is-Sibt kien għamel eżerċizzju fejn ġabar lista ta' bejjiegħa li kien hemm f'Misraħ is-Sliem kif ukoll f'Misraħ San Gakbu. Is-Sur Buhagiar informa lill-Kunsill li mil-lista ta' bejjiegħa li kienet inġabret kienu naqsu żewġ bejjiegħa u żdiedu tmienja ġodda.

**<u>Aġġudikazzjoni tal-offerti għal-ġbir ta' skart goff (ZLC 8/2011)</u>**

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq quddiem il-Kunsill l-offerti li ġew sottomessi għas-servizz ta' ġbir ta' skart goff (ZLC 8/2011). L-offerti kienu mingħand

| | Prezz |
|---|---|
| Is-Sur Jimmy Muscat | €2.50 |
| Is-Sinjura Josephine Dimech o/b Dimbros | €2.95 |
| Is-Sur Spiridione Zammit | €2.50 |
| Is-Sur David Grech | €3.50 |

Il-garanziji bankarji u d-dokumenti l-oħra kienu kollha sottomessi u mimlija mill-offerenti. Peress illi kien hemm żewġ offerenti li taw l-istess prezz ta' €2.50 għal kull sejħa, fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Robert Buhagiar, il-Kunsill qabel unanimament li terġa' tinħareġ sejħa ġdida għall-offerti ta' dan is-servizz.

**Aġġudikazzjoni tal-offerti għat-tindif u żamma ta' latrini pubbliċi (ZLC 9/2011)**

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq quddiem il-Kunsill l-offerti li ġew sottomessi għas-servizz ta' attendenza fil-latrini pubbliċi (ZLC 9/2011). L-offerti kienu kif ġej:

| | Prezz |
|---|---|
| Is-Sur David Grech | €20, 000 |
| Is-Sur Ricky Caruana | €23, 000 |
| Is-Sur Mario Farrugia | €19, 500 |
| Is-Sur Tony Gerada | €44, 000 |
| SC Engineering Supply Limited | €23, 000 |
| Is-Sur Saviour Mifsud | €23, 000 |
| Is-Sur Frankie Mifsud | €18, 000 |

Il-garanziji bankarji u d-dokumenti l-oħra kienu kollha sottomessi u mimlija mill-offerenti. Fuq proposta tas-Sur Bonnici li ġiet issekondata mis-Sur Buhagiar, il-Kunsill qabel unanimament li tintgħażel l-orħos offerta dik mingħand s-Sur Frankie Mifsud għall-prezz ta' €18, 000.

Is-Sur Bonnici talab li jekk il-manutenzjoni u ż-żamma ta' latrini pubbliċi ma tinżammx kif suppost il-Kunsill għandu joħroġ id-*default notices* mill-ewwel.

**Aġġudikazzjoni tal-offerti għal-xogħol ta' Certified Public Accountant (ZLC 10/2011)**

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li kienu ġew sottomessi żewġ offerti għax-xogħol ta' Certified Public Accountant (ZLC 10/2011). L-offerti mitfugħa kienu mingħand : BT Consulting Limited bi prezz ta' €32.75 u mingħand is-Sur Lawrence Cauchi o/b Darmanin Cauchi & Co bi prezz ta' €38.35. Fuq proposta tas-Sur Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sur Bonnici il-Kunsill qabel unanimament li jitlob lil BT Consulting Limited il-lista ta' esperjenza fil-Kunsilli Lokali peress illi din kienet waħda mir-*requirements* fit-*tender*.

Fit 8.30 ta' filgħaxija s-Sur Robert Buhagiar talab li jkun skużat.

Fuq proposta tas-Sur Bonnici li ġiet issekondata mis-Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li jġedded il-kuntratt li l-Kunsill għandu mal-kumpanija Greenpak għall-ġbir ta' skart riċiklat kif ukoll għall-provista u servizz ta' Bring In Sites.

**<u>Affarijiet Oħra</u>**

Is-Sur Pace staqsa r-raġuni għaliex kien waqaf ix-xogħol fi Triq Leli Tabone. Is-Sindku qal li l-kuntrattur waqaf minħabba l-maltemp u din it-triq ser tingħata t-tarmak fi żmien qasir.

Is-Sinjura Calleja staqsiet dwar meta kienu ser jitnaddfu l-katusi fi Triq il-Qalb Imqaddsa u fi Triq Lia. Is-Segretarju nforma lill-Kunsill li l-katusi kienu ser jitnaddfu fil-granet li ġejjin.

Is-Sur Pace informa lill-Kunsill li fi Triq Ganni Bonavia kien hemm ħofra kbira u perikoluża. Is-Sindku qal li kif kien ġie deċiż mill-Kunsill hekk kif titlesta Triq Leli Tabone jibda mmedjatament ix-xogħol fi Triq Ganni Bonavia.

Is-Sur Pace staqsa meta kien ser jitlesta l-*lift* fiċ-Ċentru Ċiviku. Is-Segretarju nforma lill-Kunsill li l-*lift* kellu jitlesta sa l-aħħar ta' Jannar.

Is-Sindku nforma l-Kunsill li d-Dipartiment tal-Artijiet talab lill-Kunsill jindika d-daqs tal-*area* li kienet ser tintuża biex tigi żviluppata art mitluqa f'post ta' rikrejazzjoni f'Buleben iż-Żgħir. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Pace, il-Kunsill qabel unanimanet li jibdew isiru l-pjanti neċessarji għal dan il-proġett.

Is-Sinjura Calleja talbet sabiex tinkiteb ittra lill-kumpanija Arriva dwar ir-rotta numru 204 peress illi din ma kienetx qed tieqaf fuq l-*istage* Ċikas. Is-Sindku nforma lis-Sinjura Calleja li diga kien għadda dan l-ilment flimkien mal-ilmenti l-oħra kollha relatati mas-servizz tat-Transport pubbliku lill-Onorevoli Dr Chris Said.

Is-Sur Buttigieg informa lill-Kunsill li kien għadda lill-Prim Ministru ilment dwar ir-rotta ta' Bormla li ma kienetx qed tgħabbi nies mill-venda ta' Ħaż-Żabbar.

Is-Sinjura Calleja talbet sabiex isiru żewg *slow signs* fi Triq ix-Xgħajra fil-liwja viċin Triq il-Kapuċċini kif ukoll is-*slow signs* qabel u wara *ż-zebra crossing* li hemm fl-istess triq.

Is-Sur Bonnici lmenta li l-Kunsill ma kienx qed isib koperazzjoni kemm mill-Korporazzjoni Enemalta kif ukoll minn Transport Malta. Is-Sur Bonnici semma l-ħadid tas-*central refuge* fi Triq il-Mina ta' Hompesch li tħalla mkisser. Is-Sur Bonnici reġa rrefera wkoll għax-xogħol ta' *patching* estensiv li kellu jsir fi Triq il-Mina ta' Hompesch u li baqa' ma tkompliex .

Is-Sur Pace issuġġerixxa li ssir talba lil Transport Malta biex fi Triq iż-Żabra jitwaħħlu t-tabelli ta' *no entry for heavy vehicles except to render service.*

Is-Sur Buttigieg informa lill-Kunsill li l-*bins* ta' Misraħ is-Sliem kienu mkissra u jinħtieġ li jiġu mibdula. Is-Sur Buttigieg talab wkoll sabiex isir *dustbin* fi Triq tal-Labour int u sejjer lejn Triq Bormla kif ukoll f'Misraħ tal-Madonna Medjatriċi ħdejn il-*bus stop*.

Is-Sur Buttigieg talab sabiex isiru *dog bins* fi Triq il-Fikus ma' Triq il-Mina ta' Hompesch.

Huwa talab ukoll sabiex isiru *stop signs* fi Triq iż-Żingla u fi Triq il-Lembija peress illi s-sewwieqa kienu qed jibqgħu ħergin u kien qed jinħoloq periklu.

Is-Sur Buttigieg talab sabiex isiru *hatching lines* f'Misraħ il-Madonna Medjatrici maġenb Triq Ġanni Bonavia.

Is-Sur Buttigieg talab sabiex jiġu rranġati l-ħofor li hemm fi Trejqet Wied ta' Mazza.

Is-Sur Buttigieg talab sabiex isiru l-*stops signs* fi Triq Nikiol Biancardi, Triq il-Marloċċ u t-toroq tal-madwar.

Is-Sur Buttigieg staqsa jekk kienetx ingħatat risposta mill-GAL dwar l-applikazzjoni tal-Kunsill biex tiġi irranġata Triq Ħas-Sajjied. Is-Segretarju ntalab jindaga dwar din l-applikazzjoni.

Il-laqgħa spiccat fid-9.15 ta' filgħaxija.

Duncan Busuttil
Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fit-395 laqgħa li saret nhar il-Ħamis, 9 ta' Frar, 2012.

Domenic Agius
Sindku